**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 7 ta' Frar 2020.**

**Avviz Numru 78/2019**

**United Equipment Company (UNEC) Ltd (C-10827)**

**Vs**

**Ultimate Technology Limited (C 50375)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fil-25 ta' April 2019 li permezz tieghu talbet lis-socjeta` konvenuta tghid il-ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata minn din il-Qorti sabiex thallasha :

*"Is-somma ta' ghaxart elef, erba' mija u tnejn u sebghin ewro u erbghin centezmu (€10,472.40) ossia l-bilanc li ghad irid jithallas lill-esponenti ghax-xiri ta' Daf Chassis LF310 19T FA, kif indikat fir-rendikont anness bhala Dok A, u li inti bqajt ma hallastx minkejja li gejt interpellat. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 ipprezentata nhar it-18 ta' Settembru 2018, numru ta' referenza 1797/2018 (Dok B), tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza.*

*Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li r-rapprezentanti taghna qeghdin minn issa ngunti in subizzjoni."*

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fil-31 ta' Mejju 2019 baqghat ma deheritx quddiem din il-Qorti biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezentat ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Jannar 2020 is-socjeta` konvenuta msejjha diversi drabi ma deheritx u ghalhekk il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` attrici, fuq talba taghha stess, sabiex tipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta, liema kapitolu gie pprezentat seduta stante u gie approvat mill-Qorti.

Rat illi fil-kapitoli ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tikkonferma li ghandha thallas l-ammont pretiz flimkien mal-ispejjez tal-kawza u l-imghaxijiet legali.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta ghal-lum stess.

Rat illi fis-seduta tal-lum is-socjeta` konvenuta ma deheritx ghas-subizzjoni taghha sabiex twiegeb ghad-domanda tas-socjeta` attrici.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-Qorti tirrileva illi l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f’min lilu jigi deferit ta’ fatt sfavorevoli ghall-kapitolat u ta’ vantagg ghall-parti li pprezentatu. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**,[1] illi “*din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta’ non kontestazzjoni – ta’ l-istess konvenut*.”

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obbligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija mezz ta’ prova, u ghandha tigi ezaminata u evalwata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux kombacanti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhrilu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F’dan is-sens ara d-decizjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et**.[2] In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza

[1] Appell Inferjuri, 28 ta’ April 1998
[2] Prim’Awla, 28 ta’ Gunju, 1952

tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi.

Illi ghaldaqstant, apparti l-imsemmi kapitolu, il-Qorti hadet konjizzjoni tax-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici, Gilbert Bonnici, li kkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub fil-kawza ghadu dovut u wkoll ipprezenta dokumenti in sostenn tat-talba attrici.

Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan kollu, jirrizulta li t-talba tas-socjeta` attrici hija wahda fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ta' ghaxart elef, erba' mija u tnejn u sebghin Ewro u erbghin centezmu (€10,472.40) bl-imghaxijiet legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk marbuta mal-ittra ufficjali Numru 1797/2018 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, a kariku tas-socjeta` konveuta.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**